moviment tal-fokolari

Il-Kelma tal-Ħajja
Awwissu 2025
ĦARĠA 08

“Għax fejn hemm it-teżori tagħkom, hemm tinsab qalbkom ukoll” (*Lq* 12, 34).

Dan it-tagħlim ta’ Ġesù nsibuh fil-Vanġelu ta’ San Luqa, u qalu huwa u miexi lejn Ġerusalemm flimkien mad-dixxipli tiegħu. Hemmhekk kien hemm jistennieh l-Għid tiegħu, meta wara li ta ħajtu għalina, qam mill-imwiet. Ħin minnhom dar lejn id-dixxipli u sejħilhom “merħla ċkejkna”[1], u qasam magħhom dak li Hu stess kellu f’qalbu. Fosthom insibu ċ-ċaħda għall-ġid ta’ din id-dinja, il-fiduċja fil-providenza tal-Missier u l-bżonn li ngħassu fuqna nfusna waqt li nistennew is-Saltna ta’ Alla.

Ftit tal-ħin qabel Ġesù beda jħeġġiġhom biex jiddistakkaw ruħhom minn kollox, saħansitra minn ħajjithom u ma joqogħdux jinkwetaw għall-affarijiet ta’ din id-dinja, għax il-Missier jaf x’jeħtieġu. Għalhekk stedinhom ifittxu s-Saltna t’Alla u ħeġġiġhom “ifittxu għalihom infushom boroż li jitmermrux, teżor li ma jiġix nieqes fis-sema”[2]. B’dan Ġesù mhux qed jgħidilhom biex ma joqogħdux iħabblu rashom għall-affarijiet ta’ din id-dinja u ma jkunux nies responsabbli fix-xogħol tagħhom. Hu ried li jneħħilna l-inkwiet żejjed u l-biża’.

“Għax fejn hemm it-teżori tagħkom, hemm tinsab qalbkom ukoll”.

Hawnhekk il-kelma “qalb” tfisser iċ-ċentru li fih dak kollu li jagħti sens lil ħajjitna, fejn hemm is-sinċerità, fejn la nistgħu nqarrqu u lanqas naħbu s-sentimenti tagħna. Is-soltu din il-kelma turi l-intenzjonijiet veri tagħna, dak kollu li naħsbu, li nemmnu u li rridu. It-“teżor” hu dak li għalina jiswa l-aktar, jiġifieri dak kollu li jiġi l-ewwel f’ħajjitna, dak li naħsbu li jagħti aktar sigurtà lil ħajjitna.

“Il-Papa Franġisku qal li llum nistgħu nixtru kollox u nħallsu għalih, u jidher li s-sens tad-dinjità nfisha jiddependi minn dak li niksbu bil-flus. Irridu li nġemmgħu, nikkunsmaw u naljenaw ruħna, imjassrin f’sistema li ma tħalliniex inħarsu lil hinn mill-bżonnijiet tagħna ta’ issa”[3]. Imma, kull bniedem ifittex il-ferħ veru li ma jqarraqx, li l-ebda ġid materjali m’għandu l-ħila jikseb.

Chiara Lubich tgħid hekk: “Iva, hemm dak li inti qiegħed tfittex: ġo qalbek hemm għatx li la jintemm u lanqas imut; hemm tama li ma tmutx u li għal min jemmen dan hu dawl: mhux għalxejn qed tittama u temmen! (...) Inti tittama, inti temmen biex Tħobb”[4].

“Għax fejn hemm it-teżori tagħkom, hemm tinsab qalbkom ukoll”.

Din il-Kelma tistedinna nagħmlu eżami tal-kuxjenza: x’inhu t-teżor tiegħi, ir-realtà li tgħodd l-aktar għalija? It-tweġiba tista’ tkun il-ġid, il-fama, is-suċċess, il-poter ... L-esperjenza tgħidilna li l-ħin kollu rridu npoġġu lilna nfusna fil-ħajja vera, dik li ma tgħaddix, il-ħajja profonda li titlob minna ħafna mħabba tal-Vanġelu:

“Mhux biżżejjed għan-nisrani li jkun twajjeb, ħanin, umli, qalbu tajba, paċenzjuż... Hu jrid ikollu dik l-imħabba għal ħutu l-bnedmin, kif għallimna Ġesù. (...) Infatti, l-imħabba ma tfissirx li tkun lest li tagħti ħajtek. Tfisser tagħti ħajtek”[5].

Kull bniedem li niltaqgħu miegħu matul il-ġurnata: fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, kullimkien, irridu nħobbuh b’dan il-kejl. U hekk ma ngħixux mehdija bina nfusna, imma naħsbu fl-oħrajn, ngħixu qrib tagħhom, u hekk insiru tassew bnedmin ħielsa.

Augusto Parody Reyes u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

REFERNZI

1: *Lq* 12, 32.

2: *Lq* 12, 33.

3: Ara Papa Franġisku DILEXIT NOS nru. 218.

4: Ara C. Lubich *Lettere dei primi tempi*, Ġunju 1944, Città Nuova Editrice 2010, pġ. 49.

5: Ara C. Lubich Kollegament bit-telefon, *Città Nuova Editrice 2019*, pġ. 152.

ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI
18, ‘Stellaelise’, Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

www.focolaremalta.org